MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 623/2010

**Saint James Hospital Limited (C 17292)**

**vs**

**Edgar Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra** l-Avviz li fih is-socjeta' attrici pprezentat **TALBA** kontra l-konvenut biex dan jigi kundannat ihallasha s-somma ta' elf Ewro (€1,000.00c) prezz ta' servizzi medici u medicinali moghtija lilu fis-7 ta' April 2009 fuq inkarigu tieghu stess. Dan l-ammont hu dovut skond *invoice* datata 8 ta' April mibghuta lill-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sal-jum tal-hlas effettiv.

**Ra** li wara li l-konvenut ma giex notifikat fl-indirizz tieghu (riferti negative – *fol* 4 u 5 *a tergo*) u b'degriet ta' dana t-TRIBUNAL tal-20 ta' Ottubru 2010 is-socjeta' attrici giet,

fuq talba taghha awtorizzata tipprocedi ghan-notifika wara l-hin legali u jekk ikun il-kaz b'affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern.

**Ra** li l-avviz tal-kawza xxandar fil-gazzetta tal-gvern fil-21 ta' Jannar 2011 (*fol* 17) u fil-gurnal *The Times* tas-27 ta' Jannar 2011 (*fol* 19)

**Ra** r-riferti positivi dwar notifika b'affissjoni mal-bieb tar-residenza tal-konvenut, fil-Kunsill Lokali ta' M'Scala u l-Ghassa tal-Pulizija ta' M'Scala wkoll.

**PROVI**

**Ra** li minkejja dawn in-notifiki l-konvenut baqa kontumaci.

**Ra** li s-socjeta' attrici ressqet jixhed lil **Albert Micallef**, Senior Administrative Manager taghha li kkonferma li mill-€1000.00 mitluba fl-AVVIZ il-konvenut hallas €200 u hemm issa dovuti €800.00c

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**It-TRIBUNAL** iqis li ghalkemm il-kontumacja mhiex ammissjoni, b'danakollu s-socjeta' attrici ppruvat li l-konvenut kellu tassew itiha €1000 u minn dawn hallas biss €200 u ma jirrizultax li l-istess konvenut m'ghandux jitqies li hu debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' €800. Ma giex izda pruvat meta thallsu l-€200 imsemmija.

**DECIZJONI**

Meqjus dan kollu it-TRIBUNAL jghaddi biex jiddeciedi billi (1) jilqa t-talba tas-soceta' attrici fil-*quantum* ta' tmien mitt Ewro €800.00c u jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha dan l-ammont u (2) dana bl-imghax legali mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (3) jikkundanna lill-konvenut ihallas wkoll l-ispejjes kollha tal-kawza

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------